MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru 10/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Carmelo Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Carmelo Camilleri li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) gewwa l-Mosta, il-pulizija kienet imsejha sabiex tassisti lill-familja Galea u cioe` lil Mary Galea u lil Clint Galea wara li gew sparati diversi tiri minn l-akkuzat Carmelo Camilleri.

Illi dan l-incident kien frott ta' argument bejn l-akkuzat Carmelo Camilleri u Massimo Galea, hu Clint Galea u bin Mary Galea. L-akkuzat Carmelo Camilleri u l-familja Galea joqghodu faccata ta' xulxin u xi gimghat qabel dan

l-incident Massimo Galea kien laqat b'mod involontarju l-vettura ta' l-akkuzat u kkawzala hsara fil-parti ta' wara taghha. Fuq il-post Massimo Galea kien ftiehem ma l-akkuzat Carmelo Camilleri li kien se jaghmilu tajjeb ghal-hsarat. L-akkuzat Carmelo Camilleri kien gab stima tal-hsarat li pero` skond l-opinjoni ta' Massimo Galea kienet wahda eccessiva. Ghalhekk Massimo Galea ftiehem mieghu li kien se jibghatlu terza persuna (sprayer) sabiex issewilu. Din l-persuna kienet rat il-vettura pero` baqghet qatt ma sewwiet dawn il-hsarat. Din is-sitwazzjoni kienet qed iddejjaq ferm lill-akkuzat u fit-tmienja (8) ta' Awwissu 2009 l-akkuzat iddecieda li jaghmel fattieh.

Illi dakinhar tat-tmienja (8) ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija l-akkuzat iddecida li joqghod jistenna lill-Massimo Galea quddiem ir-residenza tieghu. Illi dak il-hin tfacca Leon Portelli habib ta' Clint Galea (hu Massimo Galea) sabiex jigbor qasba tas-sajd. Hekk kif Clint Galea fetah il-bieb tar-residenza tieghu biex ikellem lil siehbu Leon Portelli, l-akkuzat Carmelo Camilleri beda jghid kliem ta' tehdid fil-konfront tal-familja Galea. L-akkuzat Carmelo Camilleri hedded lill-Clint Galea li kien se jifqghu u li kien sejjer imur igib is-senter.

Illi l-akkuzat huwa kaccattur u kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista' jgorr u juza ghall-skoppijiet ta' kacca senter tal-ghamla SKB.

Illi l-akkuzat fil-fatt mar id-dar tieghu qabad dan is-senter ta' ghamla SKB, ikkargah u hareg barra fit-triq u beda jispara tiri fl-arja. Dak il-hin Clint Galea dahal jigri fir-residenza tieghu, hataf l-ommu Mary u lit-tfajla li tghix maghhom Marika Galea u dahhalhom fil-kamra tal-banju tad-dar taghhom. Kien dak il-hin li omm Clint Galea, Mary intebhet li kellu jasal ir-ragel taghha Emanuel Galea. Ghalhekk Mary Galea u t-tifel taghha Clint Galea hargu barra sabiex javzaw lir-ragel taghhom b'dak li kien qed jigri pero hemm regghu sabu lill-akkuzat Carmel Camilleri jistennihom din id-darba fuq il-bejt tar-residenza tieghu bis-senter f'idejh.

Illi minn fuq il-bejt l-akkuzat ra lill-Mary Galea u lil binha Clint Galea quddiem il-bieb tar-residenza taghhom u hemm b'dan l-istess senter tal-kacca spara tir fl-arja. Wara dan it-tir, dolozament bil-hsieb li joqtol lill-Maria Galea u lill-Clint Galea jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, l-akkuzat Carmelo Camilleri ipponta l-arma tan-nar lejhom u sparalhom tir iehor. B'dan it-tir l-akkuzat Carmel Camilleri laqat lill-Clint Galea f'saqajgh kif ukoll laqat lil Maria Galea f'diversi partijiet tal-gisem inkluz wiccha, genbha u f'saqajha. Fortunatament dan it-tir li gie sparat fid-direzzjoni ta' Mary u Clint Galea ma laqat l-ebda organu vitali ta' dawn iz-zewg minn nies u ghal din ir-raguni l-akkuzat ma rnexxilux fil-ghan tieghu.

Illi dak il-mument wasal fuq il-post Emanuel Galea, ir-ragel ta' Maria u missier Clint Galea. L-akkuzat induna bih u ghal darba ohra rega spara tir iehor. Illi b'dawn it-tiri l-akkuzat ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Galea u offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Clint Galea.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmel Camilleir sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan billi uza arma tan-nar li ghal-garr u z-zamma taghha kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija mahruga ghal-skopijiet ta' delizzju tal-kacca;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet il-Pulizija kontra vs Carmelo Camilleri datata 24 ta' Lulju 2007, l-imsemmi akkuzat instab hati inter alia ta' sewqan perikoluz u sewqan meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra terzi;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Carmelo Camilleri recidiv f'delitt u hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) gewwa l-Mosta, dolozament, bil-hsieb

li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u liema delitt gie kommess permezz ta' arma tan-nar li taghha l-akkuzat kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal-skoppijiet ta' kacca; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn tmien snin sa ghomru bir-rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax il-perjodu skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31 (1)(a),(b)(i)(ii),(e), 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9) u l-artikolu 5(7) tal-l-Att dwar L-Armi (Kapitolu 480) jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess data u hin indikat fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u cioe fit- tmienja (8) ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) gewwa l-Mosta l-akkuzat Carmelo Camilleri kellu argument mal-familja Galea fuq xi hsara li Massimo Galea kien ikkawza b'mod involontarju fuq il-vettura tieghu.

Illi dakinhar l-akkuzat Carmelo Camilleri wara li hedded bil-kliem lil Clint Galea mar gab is-senter tal-kacca ta' l-ghamla SKB u wara li spara diversi tiri fl-arja, dolozament bil-hsieb li joqtol lil Maria Galea u lil Clint Galea jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, l-akkuzat Carmelo Camilleri ipponta din l-arma tan-nar lejhom u sparalhom tir iehor.

Illi b'dan it-tir l-akkuzat Carmelo Camilleri laqat lil Clint Galea f'saqajh kif ukoll laqat lil Maria Galea f'diversi partijiet tal-gisem inkluz wiccha, genbejha u saqajha.

Illi dan it-tir ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Galea u offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Clint Galea.

Illi ghalhekk l-akkuzat waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu il-pussess, garr fuq il-persuna

tieghu u uza arma regolari u munizzjon u dan mhux bi skop legittimu.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet il-Pulizija kontra Carmelo Camilleri datata l-24 ta' Lulju 2007, l-imsemmi akkuzat instab hati inter alia ta' sewqan perikoluz u sewqan meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra terzi;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Carmelo Camilleri recidiv f'delitt u hati talli nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) gewwa l-Mosta, waqt li ikkommetta reat kontra l-persuna uza u garr u kien fil-pussess ta' arma regolari u munizzjoni u dan meta dan l-uzu, garr u pussess ma kienx bi skop legittimu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ta' xahar sa hames snin flimkien mal-konfiska ta' l-arma regolari u munizzjon li kienu qed jinzammu jew jingarru jew kienu fil-pussess ta' l-akkuzat, kif ukoll il-Qorti ghanda thassar jew tissospendi il-licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi u tipprojbixxi lill-akkuzat milli jkollu xi licenzja taht dan l-istess l-Att ghal-zmien mhux izjed minn hames snin u dan skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a),49, 50, 211(1)(2), 31(1)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9) u fl-artikolu 55(a), 56 u 57 ta' L-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480) jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Carmelo Camilleri **mhux hati** ta' l-ewwel Kap izda hati tar-reat kompriz u involut li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna u unanimament hati tat-tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil Carmelo Camilleri recidiv u hati talli
1. fit-8 ta' Awissu, 2009 ghall-habta tal-5.00 p.m. gewwa l-Mosta, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkaguna hsara fil-gisem

jew fis-sahha ta’ persuna billi gab mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz.
2. fit-8 ta’ Awissu 2009 ghall-habta tal-5.00 p.m. gewwa l-Mosta, waqt li kkommetta reat kontra l-persuna uza u garr u kien fil-pussess ta’ arma regolari u munizzjoni u dan meta dan l-uzu, garr u pussess ma kienx bi skop legittimu, u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur **Dr. Malcolm Mifsud**, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Jason Grima**, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Ikkunsidrat :

Illi l-hati wettaq dan ir-reat serju bl-akbar mod vjolenti u kodard kontra persuni innocenti li assolutament ma ghamlulu xejn. Ovvjament il-Qorti ma tistax titratta mal-hati b’mod legger u ma tistax twarrab il-perikolu li ghaddew minnu l-vittmi meta dawn fil-kwiet ta’ darhom sfaw aggrediti b’arma tan-nar u kienet biss b’fortuna li ma garbux feriti aktar serji. Dan hu pajjiz fejn is-saltna tad-dritt ghandu jirrenja u hadd ma ghandu jiehu l-ligi b’idejh f’kwalunkwe cirkostanza ahseb u ara fuq xi haga daqshekk irrisorja bhal ma hu dan il-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii)(e) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 5(7), 55(a), 56 u 57 tal-Att Dwar l-Armi (Kap. 480) qieset li t-tieni kap hu assorbit fl-ewwel kap u qieset ukoll ir-recidiva, tikkundanna lill-hati **Carmelo Camilleri** ghall-piena komplessiva ta’ **erba` (4)** snin prigunerija**,** kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elfejn, tmien mija u tmintax il-Euro u erba` w disghin Euro centezmi (€2818.94), import ta’ l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-senter SKB u tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------